MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2003

Numru 37/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR ALESSANDRA MAMO**

**VS**

**ANTHONY BRIGNONE**

**Illum 16 ta' Mejju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Anthony Brignone ta’ 49 sena, iben il-mejjet Joseph u Clementa Abela, imwieled Pieta’, fis-17

ta’ Lulju 1953 u residenti St. Joseph, Triq il-Labour, Zabbar, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 524553 (M);

Talli f’dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar snin, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda:

a. minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita’ kompetenti, ghamel kummerc ta’ istituzzjoni Finanzjarja f’Malta jew minn Malta minghajr licenza mill-Awtorita’ kompetenti u cioe’ sellef flus bl-imghaxx lil diversi persuni;

b. xjentement kien parti fl-ghemil, jew ipprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta’ xi reat taht is-subartikolu (1) tal-Att XXII ta’ l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji;

c. iffalsifika biljetti tal-flus kif ukoll mexxa bijetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma flus Maltin tal-Lm5, meta kien jaf li huma falsifikati;

d. minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtara jwe irceva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin tal-Lm5 falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati.

Wara illi rat l-Artikoli 18 tal-Kodici Kriminali u 3, 22(1)(2) ta’ l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Att Numru XXII ta’

l-1994 illum Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 45, 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 60 u 62 tal-Kapitolu 37 u l-Artikolu 8 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni ma' jhallu ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-istess imputat hati kif lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll l-istqarrija volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat Anthony Brignone, tista' bl-akbar serjeta' tiddetermina l-ammont ta' hdax-il-elf u erba' mitt lira mill-ammont ta' hmistax-il-elf u tlieta u tletin lira konfiskati, bhala disat elef lira li huwa kien wiret minghand missieru, elf u hames mitt lira li rebah u disa' mitt lira li rebah. Dan jaghmel total ta' hdax-il-elf u erba' mitt lira.

Il-Qorti wkoll tirrileva illi skond l-istess ammissjoni ta' Brignone, illi s-self minnu maghmul dwar diversi snin, huwa kien bl-ammont ta' imghax bl-ghaxra fil-mija.

Illi ghalhekk, mil-bilanc rimanenti ta' tlett elef u sitt mitt lira, l-Qorti tqies il-varjanza ta' tnejn fil-mija, u ghalhekk hija qeghda tordna l-konfiska ta' l-ammont ta' tnejn u sebghin lira maltin.

Per di Piu, l-Qorti qeghda tordna l-hlas tad-dazju kollhu indikat fl-att ta' akkuza , kif ukoll qeghda tordna lill-imputat ihallas penali ta' elfejn lira maltin.

Ghar-rimanenti, l-Qorti qeghda tordna li l-imputat iservi terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) izda a tenur ta’ l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna illi din is-sentenza ma’ tibdix issehh hlief jekk l-imputat jigi akkuzat b’xi reat iehor u jinstab hati, li ghalih hemm piena ta’ prigunerija u dan ghal perjodu ta’ erba’ snin.

Din il-Qorti qeghda tordna l-konfiska tas-sigaretti u d-distruzzjoni tal-flus foloz, kif ukoll tordna r-rilaxx immedjat, tal-flus li huma lilu dovuti.

Din il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------